



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2017
COM(2017) 711 final

ANNEX 1

ANNEX

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE**

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2017

ta'

li temenda l-ANNEX XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi¹ se tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 5 (imħassar) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

“5a. **32014 L 0094:** Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma “TFUE” fl-Artikolu 3(5) għandha tinqara “Ftehim ŻEE”.
- (b) L-Artikolu 6 ma għandux japplika għall-Iżlanda.
- (c) Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.'

Artikolu 2

It-test tad-Direttiva 2014/94/UE bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

¹ ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE

*[Ma hemm indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]